2024/1413

27.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1413

tad-29 ta' April 2024

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE". Il-Pjan ta' Azzjoni stabbilit f'dik il-komunikazzjoni (il-"Pjan ta' Azzjoni FLEGT") għamel appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni kienu adottati f'Ottubru tal-2003 ([2]), u l-Parlament Ewropew adotta reżoluzzjoni dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005 ([3]).

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1412 ([4]), il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") ġie ffirmat fid-19 ta' Frar 2024, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropeahuwa approvat f'isem l-Unjoni ([5]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 31 tal-Ftehim ([6]).

Artikolu 3

Il-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta lill-Unjoni fil-kumitat konġunt ta' implimentazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim.

([1]) Approvazzjoni tal-10 ta' April 2024 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.
([3]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 482.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1412 tad-19 ta' Frar 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (ĠU L, 2024/1412, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1412/oj).
([5]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/1414 tat-27.5.2024.
([6]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat konġunt ta' implimentazzjoni bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 4

Għall-fini li jiġu emendati l-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 26 tiegħu, il-Kummissjoni hija awtorizzata, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 ([7]), li tapprova kwalunkwe tali emenda f'isem l-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

D. CLARINVAL

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).